MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 682/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 19

**GO p.l.c. – C22334**

**vs.**

**Omar Bugeja K.I. 239884(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 t'Awwissu 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' tliet mija, tnejn u erbgħin ewro, ħamsa u tmenin ċenteżmu (€342.85c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' internet fuq telefon bin-numru DSL-21440069 bl-akkont numru *A/C 40123243*, mogħti mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, iżda huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal;

Ra n-nota ppreżentata mis-soċjeta` attriċi fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2015, illi permezz tagħha hija ċediet is-sorte iżda żammet ferm il-kap tal-ispejjeż.

Ra li t-Tribunal iddiferixxa l-kawża għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż għas-seduta odjerna.

Ra illi l-pagament tas-sorte sar fil-mori tal-kawża.

Ikkunsidra illi l-konvenut rregola ruħu fil-mori tal-kawża u wettaq il-pagament mitlub minnu fl-avviż tat-talba. Ikkunsidra li s-soċjeta` attriċi m'għandhiex tbati l-ispejjeż li ġiet kostretta tinkorri sabiex titlob dak dovut lilha skont il-liġi.

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruħu fuq il-mertu tal-kawża, stante li dan ġie ċedut mis-soċjeta` attriċi, jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-kawża billi jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjeta` attriċi l-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 1286/2014.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur